



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2014
COM(2014) 910 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2015

Bidu Ġdid

INTRODUZZJONI

Din il-Kummissjoni ngħatat il-mandat tal-kariga b'impenn biex tagħmel differenza: biex tagħmel affarijiet differenti u tagħmilhom b'mod differenti. Iċ-ċittadini jistennew li l-UE tagħmel differenza fejn jidħlu l-isfidi ekonomiċi u soċjali kbar — rata għolja ta' qgħad, tkabbir kajman, livelli għoljin ta' dejn pubbliku, differenzi fl-investment u nuqqas ta' kompetittività fis-suq globali. U jridu anqas interferenza mill-UE fi kwistjonijiet fejn l-Istati Membri huma mgħammra aħjar biex jagħtu reazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali. Jistennew ukoll li l-UE tkun aktar miftuħa u responsabbli dwar dak li tagħmel u kif tagħmlu.

Din il-Kummissjoni hija determinata li tmexxi 'l quddiem din il-bidla, u li taħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex tara li dan iseħħ. Din hija r-raġuni għaliex se niffukaw fuq il-"ħwejjeġ il-kbar", bħall-impjiegi u t-tkabbir, f'konformità mal-għaxar priyoritajiet tal-Linji Gwida Poliċi tal-President Juncker¹. Aħna mhux se nippreżentaw proposti li ma jkunux ta' kontribut għal dawn il-priyoritajiet. U ser napplikaw diskontinwità politika² u se nwarribu minn fuq l-aġenda proposti pendenti li ma jkunux konformi mal-oġettivi tagħna jew li ma jkollhom l-ebda sens ta' direzzjoni, għaliex aħna rridu li l-istituzzjonijiet kollha jiffokaw fuq it-twettiq ta' dak li verament huwa importanti.

Dan huwa l-impenn politiku tagħna, u fuq dik il-bażi rridu nilħqu lil hinn mill-bażi ta' Brussell madwar l-UE sabiex terġa' tinbena l-kundifenza u terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE. Iċ-ċittadini se jiġġudikawna skont l-impenn u r-riżultati li niksibu, fuq it-titjib li huma jaraw f'ħajjithom bħala riżultat. Fl-ewwel xahar tagħna fil-kariga aħna ressaqna pakkett maġġuri dwar l-impjiegi, it-tkabbir u l-investment³ flimkien ma' Pjan ta' Investment ġdid biex jiġu mmobilizzati aktar minn EUR 315-il biljun f'investimenti addizzjonali f'oqsma strateġiċi matul it-tliet snin li ġejjin. Irridu li nkomplu kif bdejna.

Il-proposti li qed inħabbru f'dan il-Programm ta' Ħidma ntgħażlu għaliex nemmnu li dawn jistgħu jagħmlu differenza fejn jidħlu l-impjiegi, it-tkabbir u l-investment u li jistgħu jwasslu għal benefiċċji konkreti għaċ-ċittadini s-sena d-dieħla. Dak li aħna qed nimpenjaw ruħna għalih f'dan il-Programm ta' Ħidma huma l-affarijiet li se nwettqu fl-2015. Aħna ser nipproponu azzjonijiet oħra biex inwettqu l-għaxar priyoritajiet fil-programmi ta' ħidma

¹ Bidu ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda Tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku — Linji Gwida Poliċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (http://ec.europa.eu/priorities/docs/pg_mt.pdf)

² Ara l-punt 39 subparagrafu 2 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea: "Il-Kummissjoni għandha tipproċedi b'analiżi tal-proposti kollha pendenti fil-bidu tal-mandat tal-Kummissjoni l-ġdida, biex tikkonfermahom jew tirtirahom politikament, filwaqt li tqis kif jistħoqq il-fehmiet espressi mill-Parlament."

³ COM(2014) 903.

tagħna għas-snin li ġejjin — il-ħidma preparatorja fil-każ ta' xi wħud minn dawn se tibda fl-2015.

Iżda l-parti l-kbira ta' dak li jiġri fl-UE llum, u l-mod kif iċ-ċittadini tagħna jqisu lill-UE huma bbażati fuq il-leġiżlazzjoni u l-programmi eżistenti. Il-preokkupazzjonijiet immedjati tagħhom huma dwar il-ġabra tar-regoli eżistenti, u din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni qed tagħmel bħala prijorità politika t-tnaqqis tal-piż regolatorju filwaqt li jinżammu livelli għoljin ta' protezzjoni soċjali, tas-saħħa u ambjentali u l-għażla għall-konsumatur. Aħna se nagħmlu riformi drastiċi fir-regoli biex jiġi żgurat li dawn jikkontribwixxu għall-aġenda tal-impjiegi u t-tkabbir u ma jkunux tali li jimponu piżijiet burokratiċi jew piżijiet amministrattivi, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu l-benefiċċji li ċ-ċittadini jistennew. Fejn ir-regoli huma skaduti jew ma jirriflettux il-prijoritajiet tagħna, aħna ser nirveduhom u ntejbuhom. Fejn hemm burokrazija mhux meħtieġa, se neliminawha. Fejn ir-regoli li għandna jagħmlu sens u jservu l-għanijiet tagħna, ser naħdmu b'mod attiv biex niżguraw li dawn jiġu applikati sewwa, implimentati u infurzati sabiex iwasslu għal benefiċċji reali għaċ-ċittadini. U aħna se nużaw l-għodod l-oħra li għandna għad-dispożizzjoni tagħna biex immexxu 'l quddiem l-impjiegi u t-tkabbir, b'mod partikolari il-baġit tal-UE li huwa primarjament mezz għal investiment intelliġenti fl-Istati Membri u r-reġjuni.

Din hija aġenda għall-bidla, imwielda mill-ħtieġa li l-UE terġa' tibda tikber sabiex il-mudell soċjali u ambjentali Ewropew, flimkien ma' ambjent b'saħħtu, ikun jista' jiġi sostnut fil-futur.

Hija wkoll sejħa għal bidla fil-metodi ta' ħidma tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Irridu naħdmu magħhom biex niddefinixxu l-prijoritajiet ewlenin madwar it-tliet istituzzjonijiet u biex inħaffu t-teħid ta' deċizzjonijiet fihom, sabiex l-effetti pożittivi tal-proposti tagħna jkunu jistgħu jintlaħqu malajr miċ-ċittadini. Aħna se nibnu sħubija aktar mill-qrib mal-Istati Membri, il-Parlamenti nazzjonali, ir-reġjuni u l-ibliet sabiex ikollna implimentazzjoni aħjar tal-politiki eżistenti u tal-effettività ta' azzjoni fuq il-post, mill-użu tal-fondi strutturali għall-politika ambjentali, mis-suq uniku għad-drittijiet tal-konsumatur.

Sabiex terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja, hemm il-ħtieġa li l-bidla tkun waħda li tidher⁴ u li jkollha impatt malajr. B'dan il-programm ta' ħidma — u bl-implimentazzjoni tiegħu fl-2015 — irridu nagħtu prova li din id-darba l-affarijiet huma differenti.

Dan il-Programm ta' Ħidma jippreżenta azzjonijiet iffokati għall-2015. Ma jidħolx fid-dettall dwar dak li se tagħmel il-Kummissjoni fl-erba' snin sussegwenti tal-mandat tagħha anki jekk se tibda l-ħidma preparatorja fi kwistjonijiet bħalma huma r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-

⁴ Bħala sinjal tal-bidu ġdid bil-Kummissjoni l-ġdida u dan il-Programm ta' Ħidma, il-Kummissjoni se tiffoka l-ħidma ta' komunikazzjoni tagħha fl-2015 fuq l-għaxar prijoritajiet tal-Linji Gwida Politiċi. Ara l-punt 2.4 ta' SEC(2013) 486 tat-23 ta' Settembru 2013 dwar il-komunikazzjoni korporattiva taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

qafas finanzjarju pluriennali. L-Anness I jippreżenta l-inizjattivi l-ġodda, organizzati madwar il-prijoritajiet prinċipali tal-Linji Gwida Poliċi, li l-Kummissjoni se tikkonċentra l-isforzi tagħha fl-2015 fuqhom.

Fit-tħejjija ta' dan il-programm ta' ħidma, il-Kummissjoni eżaminat il-proposti kollha li bħalissa qed jistennew deċizzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill⁵. Aħna nqisu li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' diskontinwità politika bħala parti importanti tar-responsabbiltà politika tagħna: hemm bżonn li ssir tindifa sabiex ikunu jistgħu jiġu investiti l-ħin u l-enerġija f'dawk il-proposti li se jkollhom l-akbar impatt fuq it-tkabbir u l-impjiegi u li jkollhom prospetti tajba li jiġu adottati fil-futur qrib.

Iffurmajna opinjoni dwar il-proposti li nixtiequ nżommu, u li rridu naraw li jiġu adottati, dawk li qed nippjanaw li nemendaw sabiex inġibuhom konformi mal-għaxar priyoritajiet tagħna u dawk li qed nipproponu li nirtiraw. Il-Kummissjoni għadha impenjata bis-sħiħ dwar l-oġettivi ta' ħafna mill-proposti li qed tipproponi li tirtira. Iżda l-proposti ma jkollhom l-ebda siwi jekk sempliċement jibqgħu rieqda fuq il-mejda tan-negozjati, jekk isiru irrelevanti minħabba xi żviluppi, jew jekk matul in-negozjati jiddgħajfu sal-punt fejn ma jkunux jistgħu aktar jiksbu l-iskop inizjali tagħhom. F'xi każi, il-Kummissjoni qed tipproponi li tirtira proposti sabiex tissostitwihom sussegwentement bi proposti aktar ambizzjużi jew biex tfassalhom b'mod li jkun aktar qrib l-għaxar priyoritajiet tagħha. F'każi oħra, is-soċjetà mxiet 'il quddiem minn mindu kienu saru l-proposti oriġinali mill-Kummissjoni. L-Anness II jelenka l-proposti li għandhom jiġu rtrirati (jew emendati). Il-Kummissjoni qed tistenna l-fehmiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dawn il-proposti qabel ma tipproċedi bl-irtirar.

Il-Programm ta' Ħidma jirrifletti wkoll l-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar. Din hija fil-qalba tal-programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni li għandu l-għan li jaqta' l-burokrazija u jneħħi l-piżijiet regolatorji. L-azzjonijiet li fih – emendi leġiżlattivi, testijiet u evalwazzjonijiet ta' idoneità – jiffurmaw element ċentrali tal-ħidma tal-Kummissjoni u huma ppreżentati fl-Anness III. Se jitniedu, pereżempju, sforzi għas-simplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni. Se jkun hemm ukoll ħidma ffukata biex ir-riforma reċenti tas-servizzi finanzjarji, il-Politika Komuni tas-Sajd u r-regoli l-ġodda għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment 2014-2020 jibdedw joperaw bla xkiel. Dan jirrikjedi koordinazzjoni u involviment fil-livelli kollha tal-partijiet interessati kollha — il-bini ta' netwerks u l-iskambju ta' esperjenzi u tal-aħjar Prattiki f'oqsma ta' politika differenti.

Biex tinforma aħjar liċ-ċittadini u lill-kumpaniji ta' meta l-liġijiet tal-UE jidħlu fis-seħħ, il-Programm ta' Ħidma jelenka leġiżlazzjoni li ssir applikabbli fl-2015 fl-Anness IV.

⁵ B'kollox, hemm 452 proposta pendenti minn Kummissjonijiet preċedenti.

1. Spinta ġdida għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investment

In-narrattiva ekonomika l-ġdida tal-Kummissjoni hija mibnija madwar tliet linji ewlenin - l-ispinta lill-investment, it-tkomplija tar-riformi strutturali u r-responsabilità fiskali. Fi sħubija mill-qrib mal-Bank Ewropew tal-Investment, il-Kummissjoni pproponiet pjan ta' investment importanti⁶ biex tingħata spinta ġdida lill-impjiegi, it-tkabbir u l-investment fl-Ewropa. Il-finanzjament addizzjonali għall-investimenti l-ġodda se jiġi mmobilizzati permezz ta' Fond Ewropew ġdid għal investimenti strateġiċi u billi jiġi żgurat li dan jilħaq l-ekonomija reali permezz tal-istabbiliment ta' linja ta' proġetti kredibbli u bl-espansjoni u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għal assistenza teknika.

Barra mill-Fond il-ġdid, l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi (pereżempju self u garanziji, minflok għotjiet) se jkompli jiġi promoss biex jiżdied l-impatt tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej għall-perjodu mill-2014 sal-2020, bl-oġettiv ta' mill-inqas l-irduppar tal-użu ta' tali strumenti fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid.

Miżuri addizzjonali ser ikunu ffukati fuq it-titjib tal-ambjent tan-negozju, it-tneħħija ta' ostakli regulatorji u mhux regulatorji għall-investment, u tisħiħ ulterjuri tas-Suq Uniku. Il-Kummissjoni se tressaq diversi proposti maħsuba biex jimplementaw malajr dan l-approċċ u se tkompli teżamina r-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Hekk kif il-Ftehimiet ta' Sħubija kollha għall-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej 2014-2020 issa ġew approvati, u l-programmi operattivi li baqa' qed jiġu ffinalizzati, l-investment fuq l-għanijiet ta' Ewropa 2020⁷ dwar it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv għandu jibda jagħti l-frott fl-2015. Il-politika ta' koeżjoni l-ġdida, ankrata fil-profond fil-proċess tas-semestru Ewropew u l-proċess ta' governanza ekonomika, sar is-sors prinċipali tal-investimenti pubbliku f'diversi Stati Membri.

Il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-baġit tal-UE fuq l-impjiegi, it-tkabbir u l-investment b'għarfien imġedded tal-ħtieġa li jittejjeb il-mod kif jintefqu l-flus pubbliċi se tkun parti mir-riflessjonijiet dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u preparazzjonijiet għall-pakkett ta' wara l-QFP 2020, aktar tard matul il-mandat tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni se tagħmel rieżami tal-istrateġija tal-UE dwar il-politika ta' kummerċ u ta' investment b'attenzjoni partikolari għall-kontribut tagħha lejn l-impjiegi u t-tkabbir. Il-konsolidazzjoni tar-rabtiet kummerċjali u ta' investment tal-UE għal ċentri ġodda ta' tkabbir fid-dinja mhix biss essenzjali għall-impjiegi, it-tkabbir, u l-produttività msaħħa fl-UE, iżda għandha impatti importanti fuq il-politika tal-viceinat u tal-iżvilupp tagħna kif ukoll fuq il-parteċipazzjoni tal-UE fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

⁶ COM(2014)903.

⁷ COM(2010)2020 finali.

L-Istati Membri qed jaffaċċaw l-isfida diffiċli biex aktar nies jibdew jaħdmu, u li l-ħaddiema jkollhom il-ħiliet li jeħtieġu biex jimxu 'l quddiem u jadattaw ruħhom għall-impjiegi tal-ġejjieni. Il-Kummissjoni se tippreżenta pakkett ta' miżuri biex tappoġġja dawn l-isforzi sabiex tingħata spinta lill-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u fil-promozzjoni tal-ħiliet.

Leġiżlazzjoni tal-UE abbozzata tajjeb u l-implimentazzjoni effettiva tagħha jista' jkollhom impatt kbir fuq l-impjiegi, it-tkabbir u l-innovazzjoni. L-industriji ekoloġiċi u l-ekoinnovazzjoni attwalment jipprovdu terz tas-suq globali għal teknoloġiji ekoloġiċi, b'valur ta' triljun euro u dan mistenni li jirdoppja sal-2020. Il-proposta riveduta għall-ekonomija ċirkolari se ssaħħaħ din ix-xejra u għalhekk se tkun qed tikkontribwixxi għat-tkabbir ekoloġiku. F'dan il-qasam huwa importanti li naqblu dwar objettivi komuni għal dak li rridu niksbu, b'livell xieraq ta' ambizzjoni, filwaqt li nkunu anqas preskrittivi dwar il-mezzi li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jikbsu dawn ir-riżultati, ħaġa li tagħmilha aktar faċli li l-proposti jissarrfu f'azzjoni konkreta.

L-UE għandha sistema regolatorja żviluppata sew. Attenzjoni mġedda fuq is-sinerġiji ta' implimentazzjoni u ta' esplorazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni eżistenti tista' twassal għal riżultati malajr, bil-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għall-impjiegi u t-tkabbir. Minbarra li tirriforma l-leġiżlazzjoni eżistenti biex tara li din tkun xierqa għall-iskop tagħha, il-Kummissjoni se taħdem ukoll mal-Istati Membri biex tara li mill-korp eżistenti tal-liġijiet tal-UE jiġi sfruttat il-potenzjal massimu għat-tkabbir. Dan se jkun l-oġġla prijorità f'haġna oqsma tal-ħidma tagħna — l-agrikoltura, is-sajd, id-dwana, is-servizzi finanzjarji u s-Suq Uniku, biex insemmu xi wħud.

2. Suq Uniku Diġitali Konness

Is-Suq Uniku Diġitali huwa wieħed miċ-ċwieviet ewlenin lejn l-istabbiliment ta' dinamika ġdida madwar l-ekonomija Ewropea kollha kemm hi, li tkattar l-impjiegi, it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-progress soċjali. L-oqsma kollha tal-ekonomija u tas-soċjeta qed isiru diġitali. L-Ewropa jeħtieġ li tkun fuq quddiem ta' din ir-rivoluzzjoni diġitali għaċ-ċittadini u għan-negozji tagħha. L-ostakli quddiem is-sistemi diġitali huma ostakoli quddiem l-impjiegi, il-prosperità u l-progress.

Il-Kummissjoni qed ttejjji Strateġija li biha se tidentifika l-isfidi ewlenin biex jitlesta Suq Uniku Diġitali li jkun sikur, ta' fiduċja u dinamiku. L-Istrateġija se tiffoka fuq sitt linji: il-bini tal-fiduċja u l-kunfidenza, it-tneħħija ta' restrizzjonijiet, l-iżgurar tal-aċċess u tal-konnettività, il-bini tal-ekonomija Diġitali, il-promozzjoni tas-soċjetà elettronika u l-investment f'riċerka u innovazzjoni fl-ICT li jkunu ta' klassi dinjija.

Fl-2015, bħala parti mill-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, il-Kummissjoni se jkollha l-għan li tikkonkludi n-negozjati interistituzzjonali li għaddejjin dwar proposti bħalma huma r-riforma komuni Ewropea tal-protezzjoni tad-dejta u r-Regolament dwar Kontinent Konness. Se tippromponi wkoll inizjattivi ġodda, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex is-Suq Uniku Diġitali jinġieb fil-livell ta' ambizzjoni meħtieġa biex jintlaqgħu l-isfidi eżistenti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni b'mod notevoli se tikkumplimenta l-ambjent regolatorju ta'

telekomunikazzjoni, timmodernizza l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u dwar is-servizzi tal-medja awdjoviżiva, tissimplifika r-regoli għall-konsumaturi li jixtru onlajn u b'modi diġitali, tiffaċilita l-kummerċ elettroniku, ittejjeb iċ-ċibersigurtà u tintegra d-diġitalizzazzjoni madwar l-oqsma politiċi kollha.

3. Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti li jkollha Politika dwar it-Tibdil tal-Klima li Tħares lejn il-Futur

Provista tal-enerġija affidabbli u bi prezz aċċessibbli hija prijorità ewlenija għal kulħadd. Il-Kummissjoni se tadotta qafas strateġiku għall-unjoni tal-enerġija u qed tistabbilixxi l-azzjonijiet kruċjali li għandhom jittieħdu sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-forniment tal-enerġija, titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ikomplu jiġu integrati s-swieq nazzjonali tal-enerġija u tittejjeb il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, titjieb l-effiċjenza tal-enerġija⁸, jonqos is-sehem tal-karburji fit-taħlita tal-enerġija u jiġu promossi r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija.

L-UE hija wkoll minn ta' quddiem fl-isforzi globali fil-ġlieda kontra t-tisħin globali. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-viżjoni u l-aspettattivi tal-UE fiż-żmien li jwassal għall-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Pariġi fi tmiem l-2015 u se tibda tippreżenta l-proposti leġislattivi sabiex timplimenta l-pakkett tal-klima u l-enerġija tal-2030.

Se jkomplu l-isforzi biex jitjieb il-qafas regulatorju għal servizzi ta' trasport interkonnessi, bla perikli, b'inqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

4. Suq Intern Aktar Ġust u Aktar Profond b'Bażi Industrijali Msaħħa

Is-suq uniku huwa wieħed mill-aqwa assi tal-Ewropa — il-potenzjal tiegħu għandu jkompli jiġi sfruttat biex tittejjeb il-kompetittività tal-Ewropa fis-suq globali u jinħolqu l-impjiegi. Il-Kummissjoni se tippreżenta strateġija tas-suq intern biex jiġu stabbiliti approċċi ġodda biex jinqabad dan il-potenzjal.

Is-suq intern huwa wkoll il-pedament għas-saħħa industrijali u l-kapaċità produttiva tal-Ewropa, li għandha tkompli tissaħħa. Iż-żieda fl-investiment fl-infrastruttura u fl-SMEs u f'kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, it-titjib tal-ambjent regulatorju u l-għajnuna lill-kumpaniji biex jagħmlu innovazzjoni, pereżempju bl-appoġġ tal-programm Orizzont 2020, se jkunu oqsma importanti ta' ħidma. L-avjazzjoni qed tiffaċċja sfidi kbar. Il-Kummissjoni se teżamina modi biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tas-settur billi tissaħħa il-kompetittività tagħha.

⁸ Il-Kummissjoni qed tirreżamina d-Direttiva dwar l-Ittikettjar tal-Enerġija (2010/30/UE) u se teżamina jekk il-modalitajiet kurrenti jeħtieġx li jiġu adattati biex tkun tista' tikseb l-oġettivi tagħha b'mod anqas intrussiv.

Il-Kummissjoni hija ħerqana li tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu l-qgħad permezz ta' riformi strutturali u appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi u tal-impjegabbiltà. Hija qiegħda fil-proċess li tidentifika modi biex tinvesti fl-għarfien u l-ħiliet filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-gruppi l-aktar vulnerabbli bħaż-żgħażaġh qiegħda u dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil. Se jkun importanti li l-mobbiltà tax-xogħol tiġi appoġġata, speċjalment f'każijiet ta' postijiet vakanti persistenti u t-tlaqqiġh ħażin tal-ħiliet, inkluż bejn il-fruntieri, filwaqt li jiġi appoġġat ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-abbuż jew talbiet frodulenti.

It-tlestija u l-implimentazzjoni tar-riforma sinifikanti tal-qafas regolatorju finanzjarju b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja, inkluża l-implimentazzjoni tar-regoli superviżoorji u ta' riżoluzzjoni bankarji ġodda, għadu qasam ewlieni tal-ħidma tal-Kummissjoni. Il-qafas regolatorju se jkompli jissaħħaħ permezz ta' proposta li tittratta l-immaniġġjar tal-kriżijiet u r-riżoluzzjoni ta' entitajiet sistemiċi mhux bankarji. Il-Kummissjoni se tibda b'ħidma preparatorja dwar kif is-suq uniku għas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi jista' jwassal għal aktar benefiċċji għall-konsumaturi.

Il-Kummissjoni se tfassal pjan ta' azzjoni biex tibni Unjoni tas-Swieq Kapitali, tesplora modi għat-tnaqqis tal-frammentazzjoni fis-swieq finanzjarji, id-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament għall-ekonomija sħiħa, it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs u t-tisħiħ tal-flussi transkonfinali tal-kapital fis-suq uniku biex il-kapital ikun jista' jintuża bl-aktar mod produttiv. Fuq perjodu qasir ta' żmien, hija se tipproponi qafas għal titolizzazzjoni ta' kwalità għolja fl-Ewropa, it-titjib tal-informazzjoni ta' kreditu standardizzata għall-SMEs, u se tqis kif testendi l-iskemi, li kisbu suċċess, ta' pjazzament privat madwar l-UE u tirrevedi d-Direttiva Prospectus għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq l-SMEs.

5. Unjoni Ekonomika u Monetarja Aktar Profonda u Aktar Ġusta

L-arkitettura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja teħtieġ aktar tisħiħ sabiex l-euro jkun jista' jżomm il-fiduċja taċ-ċittadini, ikompli jaffaċċja t-taqlib fis-swieq u jinħolqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir u impjiegi sostenibbli. Wara r-rieżami tar-regoli tal-governanza ekonomika u l-azzjonijiet biex jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-proċess tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni qed taħdem fuq l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, filwaqt li tiżviluppa proposti dwar passi ulterjuri lejn is-sovranià miġbura fil-governanza ekonomika. Dan l-isforz se jkun akkumpanjat minn azzjonijiet għat-tisħiħ tad-djalogu soċjali fil-livelli kollha.

Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-kompetenza tal-Istati Membri rigward is-sistemi ta' tassazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa u twieġeb għas-sejħha għall-ġustizzja u t-trasparenza fejn tidħol it-tassazzjoni li ġejja mis-soċjetajiet tagħna. Billi tibda mill-ħidma li saret fuq l-erożjoni ta' bażi u t-trasferiment tal-profitti fil-livelli tal-OECD u tal-G20, il-Kummissjoni se tfassal Pjan ta' Azzjoni li jinkludi miżuri fil-livell tal-UE sabiex timxi lejn sistema fejn abbażi tagħha, il-pajjiż fejn jiġu ġġenerati l-profitti jkun ukoll il-pajjiż fejn issir it-tassazzjoni, inkluż fl-ekonomija diġitali, li tkun tirrekjedi ukoll ftehim dwar Bażi tat-Taxxa Komuni Konsolidata. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tagħmel ukoll malajr proposta dwar l-iskambju

awtomatiku tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa dwar deċiżjonijiet tat-taxxa transkonfinali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra biex tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji kif ukoll tisħiħ tar-regoli kontra l-ħasil tal-flus. Għadha għaddejja wkoll ħidma fil-qasam tal-VAT, inklużi miżuri biex tingħalaq id-differenza tat-taxxa.

6. Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Raġonevoli u Bbilanċjat mal-Istati Uniti

Il-kummerċ jagħti kontribut importanti għall-impjiegi u t-tkabbir. Minbarra l-Ftehim ta' Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) mal-Istati Uniti, il-Kummissjoni hija impenjata b'mod attiv f'għadd ta' negozjati bilaterali flimkien ma' impenn multilaterali b'saħħtu mad-WTO. Il-Kummissjoni diġà ħadet passi biex iżżid it-trasparenza fin-negozjati dwar it-TTIP⁹, u qed tkompli taħdem lejn ftehim ibbilanċjat u raġonevoli, filwaqt li tissalvagwardja l-istandards Ewropew fejn jidhru s-saħħa, il-politika soċjali, l-ambjent u l-protezzjoni tad-dejta kif ukoll id-diversità kulturali tagħha.

7. Żona ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali Bbażata fuq il-Fiduċja Reċiproka

Iċ-ċittadini jippretendu mill-UE l-ġustizzja, il-protezzjoni, u l-istat tad-dritt, u li żżomm pożizzjoni soda fil-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex l-UE taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tal-linji gwida li dalwaqt mistennija joħorġu mill-Qorti. Hija ser tkompli ttejjeb il-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu transfruntier kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja għall-benefiċċju taċ-ċittadini madwar l-UE u tħares il-baġit tal-UE mill-frodi, inkluż billi tkompli bl-isforzi biex tistabbilixxi Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew indipendenti.

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata lejn l-ugwaljanza fl-opportunitajiet għal persuni b'diżabilità, b'rispett sħiħ tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà. Dan jinkludi l-aċċessibbiltà għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u għat-teknoloġiji u sistemi ta' komunikazzjoni (ICT), u faċilitajiet jew servizzi oħra.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, biex tippermetti li aktar nisa jieħdu sehem fis-suq tax-xogħol. Fir-rigward tal-proposta dwar il-liv tal-maternità tal-2008, il-Kummissjoni se tirtiraha fi żmien sitt xhur, jekk ma jkunx possibbli li jiġu żblukkati n-negozjati. Dan għandu jippermetti li jkun hemm approċċ ġdid li jħares lejn din il-kwistjoni fil-kontest usa' tagħha, meta wieħed iqis ir-realtà tas-soċjetajiet tal-lum, u se tqis il-progress li jkun sar f'dan il-qasam fil-livell tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se tippreżenta Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà sabiex tindirizza t-theddid għas-sigurtà interna tal-UE bħalma huma l-kriminalità transfruntiera, iċ-ċiberkriminalità, it-

⁹ C(2014)9052.

terroriżmu, il-ġellieda barranin u r-radikalizzazzjoni biex tgħin lill-UE tiproteġi liċ-ċittadini tagħha filwaqt li tibqa' miftuħa għad-dinja.

8. Lejn Politika Ġdida dwar il-Migrazzjoni

Sabiex tiġi indirizzata l-pressjoni dejjem tiżdied fil-fruntieri esterni tagħna, il-Kummissjoni qed tiżviluppa Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, li se tibbilanċja approċċ iktar ġust u raġjonevoli għall-migrazzjoni legali, sabiex l-UE ssir destinazzjoni attraenti għat-talenti u l-ħiliet, b'miżuri stretti kontra l-migrazzjoni irregolari u t-traffikar u l-kuntrabandu tal-bnedmin. It-titjib tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tffisser irbit aħjar bejn il-politika ta' migrazzjoni tagħna mal-politika esterna tagħna, it-trawwim ta' kooperazzjoni interna u esterna akbar, l-offerta tal-protezzjoni lill-persuni fil-bżonn, ibbażata fuq ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u l-prevenzjoni ta' avvenimenti traġiċi bħal dawk li qegħdin iseħħu ripetutament fil-Mediterran.

9. Attur Globali Aktar b'Saħħtu

L-avvenimenti ta' dan l-aħħar poġġew fuq quddiem l-isfidi ġeopolitiċi, mhux l-inqas fuq il-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE. L-UE għandha bżonn politika barranija komuni effettiva b'mekkaniżmi aħjar biex jiġu antiċipati avvenimenti u biex jiġu identifikati malajr reazzjonijiet komuni għal sfidi komuni, u azzjonijiet komuni għall-ħtif ta' opportunitajiet li minnhom nistgħu biss nibbenefikaw bis-sħiħ flimkien. L-Ewropa jeħtieġ li taħdem għalenija fejn jidħlu materji ta' sigurtà u ta' difiża u biex tiżviluppa s-sħubiji strateġiċi tagħha. L-użu koerenti u konġunt tal-istrumenti kollha disponibbli għall-Unjoni, inkluż il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u l-projezzjoni esterna sistematika tal-politiki interni se jkunu indispensabbli biex jitmexxew 'il quddiem l-oġġettivi ta' politika tal-UE fix-xena globali.

Il-Kummissjoni ser tqis bħala prijorità l-promozzjoni tal-istabbiltà fil-fruntieri tal-Ewropa. Biex jinkiseb dan l-oġġettiv huwa essenzjali li tingħata għajjnuna lill-pajjiżi ġirien fl-implimentazzjoni ta' riformi demokratiċi u ekonomiċi, fid-difiża tal-istat tad-dritt, fit-tiżiħ tal-governanza ekonomika u l-kompetittività, fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb u biex isiru aktar prosperi. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-politika Ewropea tal-viċinat u tagħmel proposti għall-futur. Kif iddikjarat fil-Linji Gwida Politiċi, in-negozjati tat-tkabbir li għaddejjin se jkomplu u b'mod partikolari se jkun meħtieġ li l-Balkani tal-Punent iżommu perspettiva Ewropea, iżda ma hu se jkun hemm l-ebda tkabbir fil-ħames snin li ġejjin.

L-UE għandha rekord qawwi ta' kooperazzjoni internazzjonali u ta' provvista ta' appoġġ għall-iżvilupp u assistenza lejn bosta partijiet tad-dinja. Dan jinkludi l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjonijiet esterni kollha tagħna, l-indirizzar tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Madankollu, il-politika ta' żvilupp tagħna trid ukoll tiġi adattata kontinwament għall-ħtiġijiet li dejjem qed jevolvu tal-pajjiżi sħab biex jinkisbu l-aħjar riżultati għall-impenji tagħna. Bil-fatt li l-2015 hija s-Sena Ewropea tal-Iżvilupp, il-Kummissjoni se tkompli l-ħidma tagħha lejn it-twettiq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli għal wara l-2015 u se tniedi riflessjonijiet dwar ir-relazzjonijiet futuri tagħna mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw (wara Cotonou). Qed nikkontribwixxu wkoll fil-ġlieda kontra l-Ebola. Aħna

se nkompli nimmassimizzaw l-impatt tal-ghajjuna umanitarja tagħna u ntejbu l-kapaċità tagħna ta' reazzjoni għall-kriżijiet.

10. Unjoni ta' Tibdil Demokratiku

Iċ-ċittadini jistennew titjib f'dak li qed tagħmel l-UE, u kif nagħmluh. Irridu nkunu miftuħa kemm jista' jkun dwar il-ħidma tal-Kummissjoni, u aħna se nikkooperaw mal-istituzzjonijiet l-oħra biex intejbu r-responsabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-azzjonijiet tal-UE. Il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ regoli ġodda biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa fil-kuntatti bejn il-Kummissarji u l-assoċjazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom¹⁰, u se tressaq proposti għal Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru mandatorju ta' trasparenza, sabiex l-istituzzjonijiet Ewropej joperaw fil-miftuħ fejn tidħol l-influwenza fuq il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Kif imħabbar fil-linji gwida politiċi, il-Kummissjoni se tirrevedi l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-Organiżmi Ġenetikament Modifikati (OĠM) sabiex tindirizza l-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini u tal-Istati Membri fir-rigward tal-obbligu legali attwali tal-Kummissjoni li tapprova l-awtorizzazzjoni ta' OĠM f'każijiet fejn maġġoranza ċara fost l-Istati Membri tkun topponi l-proposta.

Il-Kummissjoni se ttejjeb l-istrumenti tagħha għal regolazzjoni aħjar, partikolarment l-evalwazzjonijiet, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-konsultazzjonijiet pubbliċi tagħna, u se tidentifika ġabra ulterjuri ta' azzjonijiet ġodda fil-kuntest tal-Programm dwar l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni. L-istituzzjonijiet kollha jeħtieġ li jkunu istituzzjonijiet ta' regolamentazzjoni aħjar jekk għandna niksbu proċess leġiżlattiv aktar effiċjenti fil-livell tal-UE. Għalhekk il-Kummissjoni se tippreżenta proposta għal Ftehim Interistituzzjonali ġdid dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Sabiex il-prijoritajiet fejn jidħlu l-impjiegi, it-tkabbir u l-investment jiksbu r-riżultati, it-tliet istituzzjonijiet jeħtieġ li jaħdmu aħjar flimkien biex l-affarijiet isiru. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex itejjeb l-ipprogrammar konġunt li jrawwem is-sjieda kondiviża ta' prijoritajiet sabiex l-aġenda tal-UE titmexxa 'l quddiem bl-aktar mod effettiv, filwaqt li jiġi rispettati ir-rwol u l-prerogattivi ta' kull istituzzjoni skont it-Trattati.

Wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma 2015, il-Kummissjoni trid taħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex tidentifika lista ta' proposti ta' prijorità li l-istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhomli jagħmlu progress rapidu dwarhom u jiżguraw l-adozzjoni rapida finali tagħhom, inkluż b'mod partikolari dawk marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva ta' investment. Flimkien nistgħu niżguraw li din id-darba se jkun hemm differenza.

¹⁰ C(2014)9051.